

Brussell, 19 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9984/25

SOC 394
GENDER 97
ANTIDISCRIM 63
FREMP 155
TELECOM 184
CYBER 162
DIGIT 109

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9408/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Ġunju 2025¹.

¹ Fit-test ġew introdotti korrezzjonijiet editorjali żgħar.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali
Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni
ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE²**

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tfittex li telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel u li tippromwovi l-ugwaljanza, u l-Artikolu 10 jiddikjara li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
3. Huwa kruċjali li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel kollha, kif ukoll il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, li huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati u huma essenzjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Ir-realizzazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-implimentazzjoni bis-saħħa tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA) fil-politiki interni u esterni tal-UE huma parti integrali minn dan il-proċess u approċċ.

² Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tat-30 anniversarju tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.

4. L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 5 tan-NU dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jissottolinja l-hteġa li "Jissaħħa l-użu tat-teknoloġija abilitanti, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiġi promoss it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa".³ Kemm l-SDGs kif ukoll il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing għandhom l-għan li jiksibu soċjetà aktar sostenibbli u ekwa.
5. Is-sena 2025 tikkommemora mument importanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa hekk kif il-komunità internazzjonali tiċċelebra t-30 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll il-25 anniversarju tar-Rivoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Diversi oqfsa strateġiċi b'rilevanza għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ser jiġu fi tmiemhom ukoll, fosthom il-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni bħall-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP III), u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (2019-2024), kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu 2020-2025 u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025.
6. Fl-2025 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha li tistabbilixxi Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa, akkumpanjat minn Dikjarazzjoni, li "tistabbilixxi prinċipji u objettivi dwar id-drittijiet tan-nisa li ser jiggwidaw strateġiji u azzjonijiet futuri, b'mod partikolari fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri wara l-2025. Id-dikjarazzjoni għandha l-għan li tmexxi 'l quddiem u tagħti direzzjoni lill-aġenda tal-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tul, billi ssir il-qafas ta' politika tal-UE li jiggwida lejn ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fl-aspetti kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija."
7. Huwa ferm importanti li jiġi segwit approċċ duwalistiku għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jgħaqqad l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, jiġifieri l-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits kollha, flimkien ma' politiki speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u miżuri mmirati.

³ Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti: Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5, sottomira (b).

8. It-tkomplija tal-kooperazzjoni mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tan-nisa, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u promoturi taż-żgħażaġh, għandha rwol kruċjali fil-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.
9. Quddiem bosta sfidi eżistenti u emerġenti għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-UE, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali u l-kisba tal-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huma essenzjali biex nibnu soċjetà ġusta, inklużiva u reżiljenti u ekonomija kompetittiva.

FILWAQT LI JFAKKAR LI

10. L-UE issa introduċiet l-ewwel qafas legali komprensiv tagħha li għandu bħala għan il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tistabbilixxi standards għall-protezzjoni tal-vittmi tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, tikkriminalizza ċerti forom ta' vjolenza kontra n-nisa, kemm offline kif ukoll online, u tirrikjedi li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri robusti għall-prevenzjoni, biex isaħħu l-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi, jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja, u jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati oħra. Id-Direttiva tindirizza l-forom kollha ta' vjolenza, inkluż ħsara jew tbatija fiżika, sesswali, psikoloġika u ekonomika li timmanifesta ruħha f'kontinwità ta' vjolenza kemm f'ambjenti offline kif ukoll online.
11. L-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tagħha tirrappreżenta pass deċiżiv 'il quddiem fit-tisħiħ tal-qafas legali għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fl-Unjoni. Din tkompli tikkomplementa l-isforzi usa' tal-UE biex tiġġieled il-vjolenza, tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiproteġi lin-nisa u l-bniet f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

12. Permezz tar-Regolament (UE) 2024/1689 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artiċijali (minn hawn 'il quddiem "l-Att dwar l-IA"), l-Unjoni adottat l-ewwel qafas legali komprensiv li qatt sar dwar l-IA u b'hekk poġġiet lilha nnifisha bħala mexxejja globali f'dan il-qasam. Barra minn hekk, f'Mejju 2024, il-Kunsill tal-Ewropa adotta Konvenzjoni Qafas legalment vinkolanti dwar l-Intelliġenza Artiċijali biex jindirizza r-riskji potenzjali li l-IA toħloq għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li l-Kummissjoni ffirmat fisem l-UE f'Settembru 2024.
13. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, minn hawn 'il quddiem "DSA") għandu l-għan li joħloq ambjent online aktar sikur għall-utenti fl-Unjoni, b'sett ta' regoli mfassla, b'mod partikolari, biex jindirizzaw il-kontenut illegali u biex jiżguraw it-trasparenza. Fl-istess ħin, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva stabbiliet mekkaniżmi biex tipproteġi lit-tfal u tindirizza d-diskors ta' mibegħda b'mod aktar effettiv.
14. Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tqiegħed lin-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali, u għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji għat-trasformazzjoni diġitali, ibbażati fuq approċċ ffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem u f'konformità mal-valuri u l-liġijiet Ewropej.

FILWAQT LI JINNOTA LI

15. Ir-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) "Impact driver: marking milestones and opportunities for gender equality in the EU" li jippreżenta x-xejriet ewlenin, il-progress attwali, u l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE, jenfasizza wkoll li l-avvanzi fil-mekkaniżmi istituzzjonali⁴ jirfdu l-progress fl-oqsma l-oħra kollha tal-BPfA. Il-mekkaniżmi istituzzjonali huma għalhekk vitali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isferi kollha.⁵

⁴ Korpi u proċessi li jservu biex jippromwovu, jiddefendu u jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika. (*Ġbir ta' data tal-2024 dwar mekkaniżmi istituzzjonali*, EIGE, 2025)

⁵ 9410/25.

16. Skont ir-rapport tal-EIGE, filwaqt li d-DSA u l-Att dwar l-IA huma punti ta' riferiment fil-qasam tar-regolamentazzjoni diġitali, dawn waħedhom mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw ċertu tħassib speċifiku għall-ġeneru, inkluż l-impatti negattivi tal-media soċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nisa u l-bniet u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċaw meta tintuża t-teknoloġija tal-IA.
17. Kif enfasizzat il-Kummissjoni fl-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025, "il-vjolenza online fuq l-internet immirata lejn in-nisa saret pervażiva b'konsegwenzi speċifiċi u vizzjużi" u "l-bullying, il-fastidju u l-abbuż fuq il-media soċjali għandhom effetti estensivi fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nisa u tal-bniet." Skont ir-rapport tal-EIGE, il-vjolenza online taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa f'pożizzjonijiet ta' poter, b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh u n-nisa li jappartjenu għal gruppi li jħabbtu wiċċhom mad-diskriminazzjoni. Il-politiċi u l-ġurnalisti nisa jesperjenzaw livelli oġhla ta' fastidju online meta mqabbla ma' dawh irġiel, li joħloq effett dissważiv u jdgħajjef is-sikurezza u l-benesseri mentali tagħhom, jiskoraġġixxi lin-nisa milli jidħlu jew jibnu karriera f'dawn l-impjiegi u milli jipparteċipaw f'dibattiti online u offline. Dan ikompli jillimita r-rappreżentanza u l-parteeipazzjoni tan-nisa fil-ħajja pubblika, u b'hekk idgħajjef ukoll id-demokrazija, il-libertà tal-istampa u d-djalogu soċjali.
18. Fir-rapport tiegħu, l-EIGE jenfasizza l-fatt li lakuni kbar fil-komprensività tad-data u r-riċerka jfixklu milli jinftehm komplement l-isfidi bħad-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, il-preġudizzju u l-istigmatizzazzjoni fil-qasam diġitali – speċjalment minn perspettiva intersezzjonali. Dan in-nuqqas ta' data, aggravat min-nuqqas ta' rieda tal-pjattaformi diġitali ewlenin li jaqsmu d-data dwar l-użu mar-riċerkaturi, ifixkel l-iżvilupp ta' risponsi ta' politika effiċjenti għar-riskji li jiffaċċaw il-bniet u n-nisa żgħażaġh online. Data diżaggregata skont is-sessi u data oħra dwar l-ugwaljanza hija kruċjali għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-IA u fl-ispazji diġitali. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tad-disparitajiet, it-traċċar tax-xejriet, u l-formulazzjoni ta' interventi mmirati li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-gruppi kollha, speċjalment in-nisa u l-bniet, li jiffaċċaw sfidi speċifiċi online.

19. Il-pjattaformi online, inkluż in-networks soċjali, tfaċċaw bħala spazji importanti fejn kemm l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa kif ukoll gruppi oħra jaħdmu biex jippromwovu l-aġendi tagħhom. Fl-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 il-Kummissjoni tirrikonoxxi li "r-rwol tan-nisa żgħażaġh b'mod partikolari kien notevoli li rriżulta fi spinta għall-bidla" fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn saru atturi importanti fil-moviment klimatiku u jippromwovu s-sostenibbiltà, il-ġustizzja ambjentali, u l-istrateġiji fit-tul biex jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa. Ir-rapport tal-EIGE jirrikonoxxi dan l-impenn filwaqt li jissottolinja wkoll il-fatt inkwetanti li r-rigressjoni kontra l-inizjattivi ambjentali spiss tallinja maż-żieda ta' movimenti awtoritarji li jħaddnu taħlita ta' ċaħda klimatika, razziżmu u misoġenija. Konsegwentement, dawh li jiddefendu l-ambjent, li ħafna minnhom huma nisa żgħażaġh, spiss ikunu fil-mira ta' attacchi pubbliċi u vjolenza online.
20. L-algoritmi ta' moderazzjoni tal-kontenut spiss juru preġudizzji, u n-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess sottostanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod ġenerali, jaġġmilha diffiċli li jiġu identifikati u indirizzati prattiki diskriminatorji online.
21. Is-sistemi tal-intelliġenza artiċjali (IA) joffru opportunitajiet kbar peress li għandhom il-potenzjal li jippromwovu l-benessri u l-prosperità tal-bniedem, pereżempju, permezz tal-indirizzar ta' kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa, u permezz ta' avvanz fil-progress ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Fl-istess ħin, is-sistemi tal-IA joħolqu wkoll riskji potenzjali għad-drittijiet fundamentali u interessi pubbliċi oħra. Jistgħu wkoll ikollhom riskju għas-saħħa jekk l-IA tkun imħarrġa biss fuq data bbażata fuq l-irġiel, u dan jirriżulta fi preġudizzju tal-ġeneru potenzjalment dannuż. Is-sistemi tal-IA mħarrġa b'data li fiha l-istereotipi tal-ġeneru jistgħu jipproduċu outputs (test, immaġnijiet, vidjos) li jsaħħu u jamplifikaw dawh l-istereotipi tal-ġeneru, pereżempju, billi jassoċjaw l-irġiel u n-nisa ma' okkupazzjonijiet u kompetenzi partikolari, jew billi jimplikaw li l-irġiel huma aktar produttivi min-nisa, jew billi jpoġġu lin-nisa fi rwoli ta' induktrar. Is-sottorappreżentanza tan-nisa u gruppi oħra fis-settur tal-IA esposti għad-diskriminazzjoni, b'mod partikolari fit-tfassil u l-iżvilupp tas-sistemi tal-IA, tkompli żżid dawn ir-riskji. Għalhekk, huwa importanti li n-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-istess livell fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IA.

22. L-istudji wrew il-prevalenza tal-preġudizzju tal-ġeneru u taħlita ta' preġudizzji tal-ġeneru u razzjali fis-sistemi tal-IA f'industriji differenti. Tali preġudizzji jistgħu jwasslu għal kwalità ta' servizz aktar baxxa għan-nisa u għall-minoranzi kif ukoll għal inugwaljanzi f'termini ta' allokkazzjoni tar-riżorsi, l-għoti ta' informazzjoni, u opportunitajiet. L-IA tista' tipproduċi outputs diskriminatorji, bħal preġudizzju kontra n-nisa fil-proċessi ta' reklutaġġ jew fl-iskrinjar għas-self. Min-naħa l-oħra, meta jintużaw regoli ċari u mhux preġudikati u data ta' kwalità għolja, l-IA tista' fil-fatt tkun inqas suxxettibbli għall-preġudizzju meta mqabbel ma' meta jieħu d-deċiżjonijiet il-bniedem. Tista' tiffaċilita wkoll id-detezzjoni tal-preġudizzju permezz tal-kapaċità tagħha li tiġbor u tanalizza kwantitajiet kbar ta' data.
23. Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika tirrikonoxxi li l-vjolenza kontra n-nisa, inkluż il-vjolenza ċibernetika, tista' tiġi aggravata meta tkun soġġetta għal diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta' sess u kwalunkwe raġuni oħra waħda jew aktar ta' diskriminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta.
24. L-IA ġenerattiva tista' tawtomatizza l-ħolqien ta' messaġġi offensivi, u tiffaċilita l-fastidju online sostnut fuq skala kbira, inkluż id-doxing. Tista' toħloq ukoll immaġnijiet, vidjos jew awdjo foloz ta' persuna, bħal deepfakes inkluż deepnudes, u b'hekk tippermetti li jixxerred materjal manipulat mingħajr kunsens. Barra minn hekk, l-universi tar-realtà virtwali, li d-disinn tagħhom jista' jimita d-dinja fiżika, jistgħu jintużaw ħażin bħala spazji għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali, u flimkien sistemi awtomatizzati ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut, jistgħu jidderieġu kontenut misoġinu u vjolenti lejn irġiel u subien ta' kull età. F'tali spazji l-IA ġenerattiva tista' tiġi sfruttata biex tuża jew toħloq avatars virtwali għal skopijiet malizzjużi, b'mod partikolari mmirati lejn in-nisa u l-bniet.
25. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li l-potenzjal pożittiv tas-sistemi tal-IA jintuża b'mod attiv biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha. Pereżempju, is-sistemi tal-IA jistgħu jidentifikaw u jikkoreġu trattament mhux ugwali fil-kuntest tat-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet. Jistgħu wkoll jaqdu rwol kruċjali fl-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-abbuż online, inkluż il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. L-għodod imħaddma bl-IA jistgħu jtejbju l-moderazzjoni tal-kontenut, jappoġġaw l-isforzi tal-infurzar tal-liġi, u jipprovdu lill-utenti b'mekkaniżmi ta' rapportar aħjar, li jikkontribwixxu għal ambjent diġitali aktar sikur għal kulħadd.

26. Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex,
f'konformità mal-kompetenzi tagħhom u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u
jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:**

27. Ikomplu jsaħħu l-awtonomija u l-effettività tal-istrutturi governattivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jpoġġuhom fl-oġhla livell possibbli fil-gvern, u billi jipprovduhom mandat b'saħħtu u definit b'mod ċar għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u b'riżorsi umani u finanzjarji adegwati, u jkomplu jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji nazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-finanzjament suffiċjenti għalihom, inkluż kemm l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika kif ukoll il-politiki u l-miżuri mmirati lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
28. Jiżviluppaw il-funzjonament effettiv tal-koordinazzjoni transsettorjali sabiex ittejjeb l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, in-networking u l-kooperazzjoni, inkluż fir-rigward tal-politiki marbuta mal-IA.
29. Jintrudu kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-protezzjonijiet għaċ-ċittadini stipulati fid-Direttiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u d-Direttivi dwar l-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza (id-Direttiva (UE) 2024/1499 u d-Direttiva (UE) 2024/1500) kif ukoll fl-Att dwar l-IA u d-DSA.
30. Jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li s-sistemi tal-IA ma jipproduċux outputs diskriminatorji, billi jiżguraw l-użu ta' data ċara, rappreżentattiva, u ta' kwalità b'mod trasparenti, billi jevalwaw regolarment s-sistemi tal-IA, billi jinstallaw sorveljanza umana kif ukoll proċessi ta' rieżami u rimedju, u billi jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali dwar in-nondiskriminazzjoni u l-IA.

31. Jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż id-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-vjolenza ċibernetika bħal deepfakes, kif ukoll id-dispożizzjonijiet komprensivi tad-Direttiva dwar il-protezzjoni u l-appoġġ, inkluż dwar servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għall-vittmi ta' vjolenza ċibernetika.
32. Jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet li jiproteġu d-drittijiet fundamentali, bħall-Korpi tal-Ugwaljanza, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, biex jidentifikaw u jimmonitorjaw ir-riskji għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri maħluqa mill-IA u biex jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni li tirriżulta mill-IA, inkluż fil-qorti, fil-qafas tad-Direttivi li jistabbilixxu standards għall-Korpi tal-Ugwaljanza kif ukoll fil-kuntest tas-setgħat li jistgħu jingħataw lill-korpi tal-ugwaljanza skont l-Att dwar l-IA u jiżguraw li r-riżorsi tagħhom ikunu adegwati.
33. Jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru previsti fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika jinkludu miżuri mmirati biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, li jkopru, mill-inqas, ir-reati kollha ta' vjolenza ċibernetika kriminalizzati fid-Direttiva: il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat (inkluż deepfakes), is-cyberstalking, il-fastidju ċibernetiku (inkluż il-flashing ċibernetiku u d-doxing), u l-inċitament ċibernetiku għall-vjolenza jew għall-mibegħda.
34. Jipprovdu opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ u jieħdu passi xierqa biex jiżguraw aċċess indaqs tal-ġeneri għal apparati diġitali, sabiex il-bniet u s-subien, in-nisa u l-irġiel kollha fis-sitwazzjonijiet u l-kundizzjonijiet diversi rispettivi tagħhom, itejbu l-litteriżmu diġitali u l-ħiliet tal-ICT u tal-iSTEM tagħhom, u jiksibu jew javvanzaw aktar fl-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, sabiex jagħtu spinta lill-prospetti futuri tagħhom u jiżguraw li l-gruppi kollha jibbenefikaw minn opportunitajiet diġitali, inkluż bil-ħsieb tal-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs għall-avvanz fil-karriera.

35. Jippromwovu opportunitajiet ta' tagħlim u taħriġ tul il-ħajja reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għal kulħadd imfassla biex itejbu l-ħiliet u l-għarfien diġitali inkluż fir-rigward tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi tal-użu tal-IA. Jippromwovu l-ħiliet u l-għarfien diġitali biex jiġġieldu l-vjolenza online kontra n-nisa, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, kif ukoll il-preġudizzji abbażi tal-ġeneru u d-diskriminazzjoni perpetwata mill-IA, pereżempju, permezz ta' apprendistati, taħriġ online, mentoraġġ jew alternattivi oħra li jqisu d-diversi żvantaġġi li n-nisa, b'mod partikolari, jistgħu jiffaċċjaw, bħad-distakk diġitali bejn il-ġeneri, id-dmirijiet ta' indukrar, u l-aċċess limitat għall-internet.
36. Jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lill-utenti kollha tal-internet, b'enfasi speċifika fuq l-utenti ta' età żgħira, mill-kontenut online dannuż kollu, inkluż kontenut iġġenerat mill-IA bħal deepfakes, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal iġġenerat mill-IA jew doxing jew fastidju li jaħdem bl-IA. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu għodod ta' verifika tal-età u ta' kontroll min-naħa tal-ġenituri, jew għodod immirati biex jgħinu lill-minorenni jissinjalaw abbuż jew isibu għajjnuna, kif xieraq. Huma meħtieġa wkoll miżuri biex l-utenti kollha tal-internet jiġu protetti mill-iscams, b'mod partikolari l-utenti li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli li jiġu sfruttati.
37. Jittieħdu passi biex jiġi miġġieled id-distakk dejjem jikber bejn il-fehmiet taż-żgħażaġh nisa u rġiel rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u biex jiġi miġġielda l-attitudnijiet u l-imġiba misoġinistiċi. B'dan il-ħsieb, issir sensibilizzazzjoni, speċjalment fost iż-żgħażaġh, dwar l-intelliġenza emozzjonali u dwar relazzjonijiet b'saħħithom u mhux vjolenti bbażati fuq l-ugwaljanza kif ukoll rigward interventi minn spettaturi kontra l-vjolenza. Is-sensibilizzazzjoni mill-perspettiva tal-ġeneru hija meħtieġa wkoll dwar suġġetti bħall-benesseri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u s-saħħa mentali.

38. Jinvolvu l-aġenziji nazzjonali tal-istatistika, id-dinja akkademika u ċ-ċentri tar-riċerka kif ukoll il-kumpaniji tal-media u dawk diġitali, is-sħab soċjali u l-korpi tal-ugwaljanza fil-monitoraġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isfera diġitali, inkluż il-kejl tal-aċċess għal programmi ta' apprendiment diġitali reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, il-monitoraġġ tal-impjiegi tan-nisa fl-ICT, l-iSTEM u oqsma diġitali emerġenti, l-evalwazzjoni tal-preġudizzji tal-IA fil-ġestjoni tal-forza tax-xogħol, it-traċċar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi kulturali u kreattivi, is-setturi tal-media u diġitali u l-valutazzjoni ta' ritratti sterjotipiċi tan-nisa u l-irġiel fl-arti, il-kultura u l-media, inkluż fil-media soċjali, il-films, il-mużika u l-logħob vidjo. Jinkoraġġixxu r-riċerka dwar kontenut u networks online misoġinistiċi u maskilisti, sabiex jiġu żviluppati data u għodod biex wieħed jifhem u jissensibilizza dwar dawn il-kwistjonijiet.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, BIEX:

39. Isaħħu l-miżuri biex jiżguraw li jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fil-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, billi jiġi applikat l-approċċ doppju għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' politiki u miżuri mmirati dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri filwaqt li tiġi integrata wkoll b'mod sistematiku perspettiva tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki (inkluż il-politiki diġitali), il-programmi u l-baġits, sabiex jiġu identifikati u jitnaqqsu b'mod effettiv id-differenzi bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha.

40. Meta jimplimentaw il-politiki rilevanti, inkluż id-dispożizzjonijiet tad-DSA u tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, jikkunsidraw jieħdu approċċ unifikat għall-vjolenza ċibernetika billi jarmonizzaw id-definizzjonijiet u jiġbru data komparabbli.
41. Jippromwovu l-iżvilupp iċċentrat fuq il-bniedem u l-użu ta' IA sigura, mingħajr periklu u affidabbli fid-dinja tax-xogħol. Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri inkluż id-Direttivi 2004/113/KE u 2006/54/KE, il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw il-potenzjal ta' dawn l-oqfsa għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru kkawżata minn sistemi tal-IA fil-qasam tal-impjieg u lil hinn minnu.
42. Jikkunsidraw li jagħtu bidu għal aktar miżuri biex jaġixxu kontra l-vjolenza online u l-vjolenza ċibernetika bl-għan aktar ġenerali li jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, b'mod partikolari d-diskriminazzjoni multipla. B'mod partikolari, ikomplu jiġġieldu kontra l-vjolenza online kontra politiċi u attivisti nisa li tillimita l-parteċipazzjoni tagħhom.
43. Iħeġġu lill-bniet, is-subien, in-nisa u l-irġiel biex jagħżlu oqsma edukattivi u impjieg ħielsa mill-istereotipi marbuta mal-ġeneru, sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma STEM u s-sehem tal-irġiel f'impjieg bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Jindirizzaw il-fatturi strutturali li jiskoraġġixxu lin-nisa milli jsegwu u jkomplu karrieri fis-setturi tal-ICT/IA, inkluż l-istereotipi tal-ġeneru fil-kuntest tal-gwida għall-karriera u l-postijiet tax-xogħol, il-fastidju, il-kulturi organizzattivi u n-nuqqas ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

44. Iħeġġu lill-irgħiel u s-subien biex jinvolve ruħhom bis-sħiħ, bħala aġenti u benefiċjarji tal-bidla, bl-għan li jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, offline u online. B'dan il-ħsieb, jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, bħall-inugwaljanzi storiċi u strutturali; ir-relazzjonijiet ta' poter mhux uguali; l-istereotipi tal-ġeneru; is-sessiżmu; u normi soċjali, perċezzjonijiet, drawwiet, attitudnijiet u imġiba negattivi jew dannużi inkluż l-attitudnijiet sterjotipiċi tal-ġeneru; u l-imġiba dannuża online. Jagħmlu enfasi mill-ġdid fuq il-litteriżmu kritiku fil-media u l-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni u enfasi fuq kontenut li għandu konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa mentali, il-benesseri u r-relazzjonijiet soċjali.
45. Jippromwovv b'mod attiv riċerka reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru dwar il-media, l-industrija diġitali u t-trasformazzjoni diġitali, inkluż permezz tal-ġbir, l-analiżi u l-komunikazzjoni ta' data diżaggregata skont is-sess u, fejn xieraq, karatteristiċi rilevanti oħra. Jinvestu f'riċerka interdixxiplinari dwar l-iżvilupp ta' algoritmi mhux diskriminatorji u fi strateġiji biex tiġi ssalvagwardjata l-ugwaljanza fl-użu ta' sistemi algoritmiċi, inkluż billi jsegwu l-prinċipji tas-sikurezza mid-disinn.
46. Isaħħu konsultazzjoni sinifikattiva sistematika u sħubiji mas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u d-dinja akkademika meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw il-politiki diġitali.
47. Irawmu sħubijiet u kooperazzjoni transsettorjali man-negozji u l-organizzazzjonijiet tan-negozju fil-qasam diġitali, inkluż l-industrija tal-ICT, u l-kumpaniji tal-media u tal-media soċjali, kif ukoll fis-setturi rilevanti l-oħra kollha, inkluż il-kura tas-saħħa u l-kura, l-edukazzjoni, l-arti u l-kultura, l-inġinerija, il-finanzi u l-agrikoltura, bil-ħsieb li tiġi promossa b'mod sistematiku l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari l-IA.

48. Isegwu regolarment l-indikaturi kollha tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing approvati mill-Kunsill sabiex il-progress jiġi monitorat b'mod sistematiku, filwaqt li jqisu l-għarfien espert u r-riżultati tal-EIGE u l-Eurostat. Isaħħu l-użu effettiv ta' dawn l-indikaturi fil-politiki nazzjonali u tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fl-oqsma ta' politika l-oħra kollha rilevanti, u jagħmlu sforz biex l-istatistika rilevanti kollha tkun disponibbli b'mod ġenerali.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

49. Tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prijarità politika matul il-mandat attwali tagħha (2024-2029) u tiżgura s-segwitu u l-appoġġ tal-momentum kontinwu tal-Istrateġija attwali tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, notevolment permezz tal-faċilitazzjoni ta' qafas għall-kooperazzjoni bejn il-pjattaformi tal-internet biex tiġi protetta s-sikurezza tan-nisa u l-bniet online. Tintegra perspettiva tal-ġeneru fil-finanzjament futur tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jappoġġa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod aktar wiesa', lil hinn minn finanzjament speċifiku allokat għal suġġetti relatati mal-ġeneru. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.
50. Issegwi l-prinċipji u l-oġettivi stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa u tqis il-gwida tal-Kunsill meta tfassal dokumenti strateġiċi fil-futur, bħal strateġija awtonoma ta' livell għoli tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-perjodu ta' wara l-2025, li tinkludi kemm miżuri mmirati kif ukoll l-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-attivitajiet tal-UE.
51. Taħdem favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri inkluż enfasi mġedda fuq it-trasformazzjoni diġitali, b'livell għoli ta' ambizzjoni, bħala prijarità politika fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE, inkluż meta tfassal Pjanijiet ta' Azzjoni futuri tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

52. Tikkunsidra tapplika approċċ intersezzjonali fejn rilevanti fl-istrateġija futura dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u strateġiji futuri oħra kontra d-diskriminazzjoni u jsaħħu l-interkonnessjonijiet bejn l-istrateġiji.
53. Tintegra, b'mod sistematiku, prospettiva tal-integrazzjoni tal-ġeneri fil-politiki u l-leġiżlazzjoni futuri kollha tal-UE, inkluż il-politiki, il-programmi u l-baġits soċjali, finanzjarji u ekonomiċi, u fil-qasam tal-politiki diġitali u speċjalment fl-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA li jmiss u l-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM, sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe preġudizzju bejn il-ġeneri fl-algoritmi, jiġu miġġielda l-istereotipi, jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri u jiġu promossi r-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa.
54. Tkompli timmonitorja u tappoġġa l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti rilevanti skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, id-DSA, l-Att dwar l-IA u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, filwaqt li tikkunsidra d-diversi mekkaniżmi ta' infurzar previsti f'dawn il-liġijiet, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-minorenni, b'mod partikolari l-bniet, minn kontenut illegali u dannuż disponibbli online.
55. Tappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA, inkluż permezz tal-enfasi tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, u tiżgura f'dan ir-rigward li l-miżuri ta' implimentazzjoni li jmiss jinkludu enfasi qawwija fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru inkluż il-vjolenza sesswali.
56. Tkompli tisfrutta l-implimentazzjoni tad-DSA biex tavvanza s-sikurezza tan-nisa u l-bniet online, inkluż billi tesplora modi biex jiġi żgurat ulterjorment li l-pjattaformi online kbar ħafna u l-magni tat-tiftix online kbar ħafna jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni adegwati u komprensivi biex jindirizzaw ir-riskji ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru.

57. Tkompli tappoġġa n-network tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, inkluż il-ħidma tagħha dwar kwistjonijiet emerġenti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza diġitali, inkluż kontenut iġġenerat mill-IA, u l-iskambju ta' għarfien u prattika tajba.
 58. Tkompli tappoġġa programmi u inizjattivi lokali fl-Istati Membri li jaħdmu fuq il-protezzjoni u l-edukazzjoni tal-bniet u s-subien, in-nisa u l-irġiel fis-sitwazzjonijiet u l-kondizzjonijiet rispettivi kollha tagħhom fir-rigward tar-riskji u l-opportunitajiet fid-dinja diġitali.
 59. Tkompli trawwem l-aċċessibbiltà tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) fil-QFP 2021-2027 għal firxa wiesgħa ta' applikanti potenzjali, b'mod partikolari b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-IA u d-diġitalizzazzjoni.
-

Referenzi

1. Leġislazzjoni tal-UE

Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)

Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi

Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva), emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE

Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irgħiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali

2. **Kunsill**

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill kollha adottati dwar ir-rieżami tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, u konklużjonijiet tal-Kunsill oħra dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti oħra, inkluż speċjalment dawk ikkwotati hawn taħt:

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem (14938/19)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol (14750/21)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki, il-programmi u l-baġits (9684/23)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali (14309/23)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri (9752/24)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (16366/24)

3. **Kummissjoni Ewropea**

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20.
(Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final)

Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Pjan ta' Azzjoni tal-UE
dwar il-Ġeneru (GAP) III – Aġenda Ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġhoti tas-
setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE. 13343/20. (Referenza tal-Kummissjoni:
JOIN(2020) 17 final)

Unjoni ta' ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025.
11522/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 565 final)

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025. 13081/20.
(Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 698 final)

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet
tan-Nisa. 6756/25 + ADD 1. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2025) 97 final)

4. **Parlament Ewropew**

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġhoti ta' setgħa lin-
nisa fl-era diġitali, 2015/2007(INI), C 66/44, 2018

5. **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)**

Impact driver: marking milestones and opportunities for gender equality in the EU.
Pjattaforma ta' Beijing + Rapport tat-30 (9410/25)

Il-ġbir tad-data tal-2024 dwar il-mekkaniżmi istituzzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-
integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri: Rapport metodoloġiku, 2025

Combating Cyber Violence against Women and Girls, 2022

6. **Nazzjonijiet Uniti**

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa)

Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - ILO C190 - Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190)

7. **Kunsill tal-Ewropa**

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ("Konvenzjoni ta' Istanbul") (CETS No. 210)

Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (CETS Nru 225)
